# MINUTI

## Seduta tal-Kunsill Lokali Kalkara

**Seduta Nru. 11/2016**

Data: 20 ta' Ottubru 2016

Hin: 4:30 p.m.

Post: Fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali

---

Preżenti:
***Speranza Chircop*** *– Sindku*
***Christopher Bruno*** *– Viċi Sindku*
***Maria Sultana*** *– Kunsilliera*
***Paul Bongailas*** *– Kunsillier*
***Vincent Bongailas*** *– Kunsillier*
***Elaine Caruana****– Segretarju Eżekuttiv*

Assenti: ***Michaela Noelene Zammit*** *– Ambaxxatrici*

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Komunikazzjoni mis-Sindku;
5. Komunikazzjoni tal-Kunsillieri;
6. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
7. Aġġornament.

1 / 2, BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI IL-KALKARA KKR 1330
Tel. No: 00356 2166 5500
Email: kalkara.lc@gov.mt
Facebook: Kunsill Lokali Kalkara

# 1 Qari u approvazzjoni tal-Minuti

1.1 Il-Minuti ġew riveduti mill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u kulħadd qabel li ma kien hemm l-ebda diffikultaijiet jew punti oħra li kellhom jiġu mqajjma dwar is-Seduta li saret f'Settembru 2016.

Il-Minuti ġew moqrija w approvati fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Speranza Chircop u sekondati mill-Kunsillier Pawlu Bongailas

# 2 Punti mqajma mill-Minuti

2.1 Punt 2.3 Mis-Seduta 10.16 – Is-Seg.Eżek. staqsiet lis-Sur Pawlu Bongailas kif ukoll lis-Sur Christopher Bruno rigward il-post fejn ser isir Jum il Kalkara 2016. Is-Sur Pawlu Bongailas ikkonferma illi għal din is-sena ser tkun qed issir l-iskola bħas snin precedenti minħabba illi l-Esplora mhuwiex addatat u Smart City wieħed kien għadu jrid jiċċekja u peres li ż-żmien dieħel mhux ħażin tajjeb li jitħalla kollox bħal kif kien isir fis-snin preċedenti.

2.2 Punt 2.4 mis-Seduta 10.16 – Is-Seg.Eżek. preżentat email minn naħa tas-Sur Ellul MFSS fejn ġie ikkonfermat illi r-rampa fi Triq l-Għassieli ser tkun qed issir minn naħa tagħhom.

2.3 Punt 2.5 mis-Seduta 10.16 – Is-Sinjura Maria Sultana talbet li tinkiteb formalment f'dawn il-Minuti l-oġġezzjoni li hi għamlet fis-Seduta preċedenti rigward il-fatt illi m'għandix tinqara korrispondenza politika waqt l-ebda Seduta tal-Kunsill kif kien ser jiġri fis-Seduta preċedenti.

Is-Sindku saħqet illi kif is-Sinjura Sultana oġġezzjonat għal email li kienet ser taqra hija waqqfet minnufih.

2.4 Punt 3.3 mis-Seduta 10.16 – Is-Seg. Eżek. Infurmat il-Kunsill li kienet għadha qed tistenna kwotazzjoni formali fir-rigward ta' suġġeriment / talba li għaddiet is-Sinjura Maria Sultana fuq dawra bi tram għat tfal ta' l-iskola għal okkażjoni ta' Jum il-Kalkara 2016.

2.5 Punt 3.4 mis-Seduta 10.16 – Is-Seg. Eżek. uriet email formali mibgħuta minn TM wara li kienet diġa bgħatita lill-Kunsilliera kollha aktar kmieni matul dan ix-xahar rigward Triq Rnella li ser tkun qed tiġi imdawwra f' 'Two Way' kif kienet fil-passat bi twaħħil ta' 'Road Humps' minn naħa ta' TM

2.6 Punt 3.6 (1) mis-Seduta 10.16- Is-Seg. Eżek spjegat illi kienet kellmet lis-Sur John Boxall kif kien ġie deċiż mill- Kunsilliera fis-Seduta preċedenti biex jinqgħalu l-'bins' li twaħħlu fin-naħa tal-Kalkara.

Il-Kunsilliera iddeċiedew illi minħabba illi dawn il-'bins' twaħħlu mal-proġett minn naħa ta' riġenerazzjoni u mhux minn naħa tal-Kunsill tal-Birgu għandhom jibqgħu fejn qegħdin għal benefiċċju tan-nies li jgħaddu minn dawn l-inħawi.

2.7 Punt 4.1 mis-Seduta 10.16 –Is-Seg. Eżek. talbet il-Kunsill japprova ir-rapport annwali għas-sena 2016 li kien intbgħat lil kull Kunsillier iktar kmieni dan ix-xahar.

Dan ir-rapport ġie approvat unanimament waqt din is-Seduta.

Is-Sinjura Sultana talbet formalment illi id-data tal-Laqgħat Pubbliċi ta' kull sena għandhom jiġu miftema waqt Seduta formali biex b'hekk kull Kunsillier ikun eleġibbli għal din il-Laqgħa Pubblika u mhux tiġi deċiża data informalment u tiġi mibgħuta wara lil Kunsilliera minħabba raġunijiet ovvji. Apparti minn hekk is-Seg.Eżek. reġgħet fakkret lill-Kunsill illi l-Laqgħa Pubblika m'għandix issir f'Ottubru ta' kull sena bħal ma kien isir fil-passat imma għandha issir fil-bidu ta' kull sena biex b'hekk jiġu koperti ix-xhur kollha tas-sena preċedenti.Is-Sindku spjegat illi l-Laqgħa Pubblika baqet issir f'Ottubru minħabba illi fil-passat kienet waslet l-Elezzjoni u nbiddlet id-data biex tkun koperta dik is-sena partikolari u ma tinqabiżx il-Laqgħa Pubblika.

2.8 Punt 5.1ċ mis-Seduta 10.16- is-Seg. Eżek. ikkonfermat illi ser isiru marki skond il-liġi minn naħa ta' TM biex jindikaw iż-'Zebra Crossing' li hemm in- naħa ta' Bighi kif kien issuġerit mill- Kunsillier Vince Bongailas. Ser tkun ukoll qed tintbgħat email lill-Kunsilliera kollha għal informazzjoni tagħhom.

2.9 Punt 5.4d mis-Seduta 10.16 – Is-Seg.Eżek. staqsiet formalment lill-Kunsilliera jekk hux se jkun approvat is- suġġeriment tas-Sur Pawlu Bongailas rigward il-kompetizzjoni ta' fotografija li trid tiġi ippublikata fir-rivista tal-Kunsill li ser ikun qed jinħareġ aktar tard fix-xahar ta' Diċembru.

Il-Kunsill approva unanimament dan is-suġġeriment inkluż ir-rigal ta' 'voucher' ta' €75 lir-rebbieħ.

**3. Korrispondenza**

3.1 Is-Seg. Eżek. preżentat email mingħand l-Għaqda 'The Malta Rabbit Club' b'informazzjoni speċifika fuq dan il-Klabb.

L-email ser tkun qed tintbgħat lill-Kunsilliera kollha għal inforazzjoni tagħhom biex f'każ li tkun ser tittella xi attivita' speċjalment għat tfal tajjeb li wieħed iżomm f'moħħu dan il-Klabb u b'inizjattivi li għandhom li wieħed jista jgħamel użu minnhom.

3.2 Is-Seg. Eżek. preżentat email minn naħa tal-'Wasteserv' fejn dawn ta' l-aħħar kienu qed jinfurmaw il-Kunsill illi meta il-kuntrattur qed imur jarmi qed ikun hemm il-boroz tar-riċiklaġġ imħalltin mal-boroż tal-iskart ġenerali.

Is-Seg.Eżek. spjegat illi hi kienet diġa kellmet il-kuntrattur fejn dan saħaq illi in-nies qegħdin iħalltu il-boroż fl-iskips u meta jiġi biex jiġbor, jiġbor kollox biex ma jħallix boroż għal-ġimgħa fl-iskips speċjalmet dawk tar-riċiklaġġ.

Il-Kunsill qabel unanimament illi il-kuntrattur għandu jgħażel il-boroż meta jbattal l-iskips biex ma jerġax ikollna ilment bħal dan minngħand il-'Wasteserv' irrilevanti kemm ikunu ser jitħallew boroż fl-iskips li ma jkunux suppost inġabru f'din il-ġurnata partikolari.

3.3 Is-Seg. Eżek. infurmat il-Kunsill dwar talba għal permess ta' ġbid ta' film li ser ikun qed jingibed minn naħa ta' barra ta' Fort Ricasoli fi żmien li ġej.

Il-Kunsill qabel unanimament li għandha tinħareġ in-'No Objection' tal-Kunsill bħas soltu bil-patt u l-kundizzjoni li l-istess kumpanija li ser tkun qed tiġbed dan il-film ikollha permessi maħruġa mill-entitajiet kollha kif suppost skond il-liġi.

3.4 Is-Seg. Eżek. infurmat il-Kunsill b'email li irċeviet minn naħa ta' Circolo San Giuseppe Filarmonika Sagra Familja, rigward tiżjien tal-Milied, fejn huma qed jistaqsu lill-Kunsill jekk għandux ħsieb li jikkumissjona xi armar tat-toroq għal din is-sena speċjalment l-inħawi ta' Triq Rnella u Pjazza Sagra Familja.

Il-Kunsill qabel unanimament illi minħabba raġunijiet finanzjarji il-Kunsill mhux ser ikun iżid armar fl-ebda triq aktar mis-snin preċedenti filwaqt li ma jsib l-ebda oġġezzjoni jekk din l-istess Għaqda trid iżejjen il-postijiet imsemmijijn hawn fuq.

3.5 Is-Seg. Eżek. infurmat il-Kunsill dwar talba mingħand TM biex tiġi approvata rialokazzjoni ta' parkeġġ riservat li diġa teżisti f'Misraħ Arċisqof Gonzi għar rigward tal-Banka tal-Lottu li jinsab fl-istess Misraħ għal parkeġġ ta' ħdejh minnflok fejn qegħda fil-preżent din il-kaxxa hija riservata.

Il-Kunsill qabel unanimament illi ma jsib l-ebda oġġezzjoni li din il-kaxxa tiġi allokata fejn qiegħed jiġi ssuġerit.

3.6 Is-Seg. Eżek. infurmat il-Kunsill dwar il fatt illi minħabba raġunijiet finanzjarji ta' l-istess Kunsill mhiex ser issir għal darboħra l-attivita' tal-Karnival fil-lokal tal-Kalkara u li ser tkun qed twieġeb lis-Sur Noel Castillo formalment wara li dan ta' l-aħħar bgħat email formali lil Kunsill biex jistaqsi dan minħabba raġunijiet ta' loġostika minn naħa tiegħu f'każ li kienet ser issir din l-attivita'.

## 4 Komunikazzjoni mis-Sindku

4.1 Is-Sindku għarrfet il-Kunsill dwar serata ta' l-anzjani li titella' kull sena fl-okkażjoni ta' Jum il-Kalkara li ser tkun qed issir fit-12 ta' Diċembru 2016.

4.2. Is-Sindku infurmat il-Kunsill dwar żjarat li ser tkun qed tagħmel lil anzjani fil-lokal tal- Kalkara fl-okkażjoni ta' Jum il-Kalkara bħal kull sena fejn ikunu qed jinataw rigal żgħir bħal frott f'isem il-Kunsill Lokali Kalkara.

## 5a.Komunikazzjoni tal-Kunsillieri-Christopher Bruno – Vici Sindku

5.1a Is-Sur Bruno talab lis-Seg.Eżek. tinvestiga pajp li ħiereġ minn għalqa fl-inħawi ta' Triq Santu Rokku / Triq San Leonardu li parti minnu jidħol ukoll f'kanal fl-art.

5.2a Is-Sur Bruno staqsa lill-Kunsill hemmx xi żviluppi fuq il-proġett kapitali ta' riġenerazzjoni tax-Xatt kif ukoll talab illi kif ikun hemm xi żviluppi tajjeb li ir-residenti jkunu infurmati b'kollox.

5.3a. Is-Sur Bruno talab li jsir rapport lill-MCST fuq barrikata tal-konkrit li qed titħalla il barra minn fejn qed isir ix-xogħlijiet għal proġett mingħajr dawl minħabba il-periklu li qed toħloq għal karozzi telgħin u neżlin minn dawn l-istess inħawi.

## 5b. Komunikazzjoni tal-Kunsillieri- Maria Sultana - Kunsilliera

5.1b Is-Sinjura Maria Sultana enfasizzat illi għandhom jitħawlu aktar fjuri fis-'Central Stripes' kif ukoll fir-'Roundabouts' madwar il-lokal kollu biex b'hekk jisbieħ l-ambjent tal-lokal stess bħal ma jsir f'lokalitajiet oħra kif ukoll kif kien isir fis-snin preċedenti fil-lokal.

Is-Sindku spjegat illi fis-snin preċedenti kien hemm ukoll xi skemi rigward pots fil-lokalitajiet li din sfortunatament m'għadiex iseħħ.

5.2b Is-Sinjura Sultana talbet lis-Seg.Eżek. terġa tirraporta lil MCST bit- traskuraġni li qed jitħalla fir- rigward ta' 'open skips' mimlijijn bla dawl impoġġijin barra is-sit, krejnijiet bla number plates ipparkjati fit-triq bla dawl u affarijiet ta' abbużi oħra li ilhom isiru mil bidu li nbdew ix-xogħlijiet f'isem il-proġett Esplora.

**5.c Komunikazzjoni tal-Kunsilliera – Is-Sur Pawlu Bongailas, Kunsillier**

5.1c Is-Sur Pawlu Bongailas issuġġerixxa li jinbidlu xi ismijiet ta toroq speċjalment dawk imsemmija għal individwi partikulari li fil verita m'humiex Kalkariżi jew li m'għandomx konessjoni mal-Kalkara. Dawn jistgħu jiġu mibdulin f'ismijiet partikolari b'konessjoni mal-lokal tal-Kalkara.

Is-Sindku saħqet illi għalkhemm hi qablet mal-kumplament tal-Kunsill li dan is-suġġeriment huwa wieħed validu, residenti li għadom kemm jgħamlu il- karta ta' l-Identita il-ġdida ser tkun ta' skomdu għalijhom biex jerġgħu jibdluwa wara li jinbidlu l-ismijiet tat-toroq.

5.2c Is-Sur Pawlu Bongailas informa il-Kunsill illi hu personali kien qiegħed jiċċekja mad-Dipartiment tal-Lands fir-rigward ta' postijiet vakanti fil-lokal li jaqaw taħtom li huma tajbin biex jagħmel użu minnhom il-Kunsill.
Ser ikun qed jgħati aktar informazzjoni kif ikollu xi ħaġa ikkonfermata minn dan l-istess Dipartiment.

5.3c Is-Sur Pawlu Bongailas talab biex Triq il-Luqqata tiġi approvata minn TM kif suppost bħala waħda 'One Way' minħabba illi fil-preżent il-karozzi jipparkjaw fuq iż-żewġ naħat, residenti li għandhom garaxx fl-istess Triq jipparkjaw quddiemhom.

Il-Kunsill qabel unanimament illi din it-Triq għandha tiġi waħda 'One Way' tlugħ biss minbarra biss għat-trasport ta' l-iskola fil-ħinijiet diġa stipulati.

5.4c Is-Sur Pawlu Bongailas saħaq illi hemm bżonn jerġa jsir rapport formali lill-Pulizija fir rigward ta' karozzi kbar li qed jipparkjaw fil-lokal u jitħallew matul il-lejl kollu.

5.5c Is-Sur Pawlu Bongailas staqsa lis-Seg.Eżek. irċevitx xi informazzjoni fir- rigward ta' kwotazzjonijiet għal Podju tal-injam biex jintuża fl-attivitajiet tal-Kunsill minflok jibqa jinkera wieħed.

Is-Seg.Eżek ikkonfermat li għadha qed tistenna kwotazzjonijiet validi qabel wieħed ikun jista jordna podju kif kien mixtieq mill l-istess Kunsill.

5.5c Is-Sur Pawlu Bongailas ġibed l-attenzjoni fuq il-kummenti miktubin fuq il-paġna ta' 'Facebook' partikolari rigward il-parkeġġ riservat li imxew lejn Pjazza Sagra Familja wara li l-Kunsill qabel unanimament minħabba ix-xogħlijiet li ser isiru f'dar privata fi Triq San Mikiel.

Huwa saħaq illi f'każ li talbiet bħal dawn jerġgħu jsiru tajjeb li tintbgħat Notifika lir-residenti ta' l-inħawi, ivoluti bl-informazzjoni meħtieġa biex b'hekk jitnaqqsu l-ilmenti.

Ukoll talab li tintbgħat email formali lil TM minħabba li ċertu parkeġġ riservat m'għadomx ta' użu minħabba illi fuq minn kienu ġew approvati issa qegħdin rikoverati fi sptarijiet.

5.6c Is-Sur Pawlu Bongailas informa il-Kunsill illi għal din is-sena ser jibqa jaħdem fuq il- loġistika ta' kull sena fir-rigward ta' Jum il-Kalkara minħabba li ż-żmien dieħel sewwa. Huwa ikkonferma illi Bighi m'hemm l-ebda post adekwat għal din it-tip ta' attivita'.

Is-Sur Pawlu Bongailas talab li tiġi ikkordinata laqgħa ma Circolo San Giuseppe Filarmonika Sagra Familja u l-Kunsill biex jiġu iċċarati xi affarijiet biex b'hekk titkompla il-ħidma għal kunċert b'suċċess bħal kull sena. Din għandha ssir fl-ewwel ġimgħa ta' Novembru għal ħin tas-7.00pm

***Is-Seduta ġiet imwaqqfa minn grupp ta' residenti li joqgħodu fl-inħawi ta' Triq San Mikiel jilmentaw / jissuġerixxu b'ittra formali iffirmata minn ammont ta' residenti għar rigward tax-xogħlijiet li ser isiru.***

***Is-Seg.Eżek. ikkonfermat li ser tkun qed tgħajjat laqgħa fil-ġranet li ġejjin mill-aktar fis possibli mal- partijiet kollha ikkonċernati biex b'hekk jiġu diskussi punti validi sakemm jispiċċaw ix-xogħlijiet f'dawn l-inħawi minn naħa tal-privat.***

## 6 Approvazzjoni tal-pagamenti

6.1 Il-pagamenti kollha innutati fuq l-iskeda ta' pagamenti 11.16 ippreżentata mis-Seg.Eżek. ġew approvati unanimament mill-Kunsilliera waqt din is-Seduta.

## 7 Aġġornament

1 / 2, BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI IL-KALKARA KKR 1330
Tel. No: 00356 2166 5500
Email: kalkara.lc@gov.mt
Facebook: Kunsill Lokali Kalkara

7.1 Il-laqgħa ġiet aġġornata unanimament mill-Kunsilliera għal nhar il-Hamis 24 ta' Novembru 2016 fl-4:00 p.m.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ***Speranza Chircop*** | ***Elaine Caruana*** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |

Data: 26/07/2016